**22 ta' Frar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Muscat

*versus*

Concetta Muscat

**Alimenti — Missier — Bżonn — Prova — Diżokkupazzjoni — Art. 27 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-indiġenza ma hemmx bżonn tiġi pruvata minn min jallegaha; u l-piż tal-prova kuntrarja jinkombi lil min ikun konvenut biex iħallas l-alimenti.*

*F'każ ta' alimenti mitluba minn missier kontra wliedu, il-Qorti ma għandiex tindaga jekk dak il-missier waqgħax fil-bżonn ħtija tiegħu.*

*Id-diżokkupazzjoni attwali ta' min jiġi konvenut biex jippresta l-alimenti ma teżentahx minn dan l-obbligu; għaliex il-profitti kontemplati mill-liġi f'materja ta' alimenti mhumiex biss dawk tal-professjoni, arti jew mestjer, eżerċitati attwalment mid-debitur, imma dawk tal-professjoni, arti jew mestjer, li huwa jista' jeżerċita.*

*U huwa prinċipju universalment aċċettat illi l-ulied għandhom jagħmlu kwalunkwe sakrifiċċju biex ma jħallux lill-ġenituri tagħhom fil-bżonn.*

Il-Qorti— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa jinsab fil-bżonn tal-alimenti, u illi l-unika fost uliedu hi l-konvenuta biss fi stat li tipprovdilu dawn l-alimenti, jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kundannata tipprestalu, bħala missierha l-alimenti meħtieġa, f'dik ir-rata, fil-ġurnata u mod, li jiġu fissati minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-attur jidher li huwa jinsab fil-bżonn. Huwa jirċievi biss £5.8.0 fix-xahar bħala pensjoni tan-National Insurance, li minnhom iħallas, fix-xahar, 15s. u xi 2s.6d. jew 3s. għall-kera tal-kontatur tad-dawl u l-ilma. L-attur mhux kapaċi jaħdem; huwa għandu 67 sena;

Kontra l-prova tal-bżonn ma ġietx magħmula prova kuntrarja. Del resto, hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li l-indiġenza ma hemmx bżonn li tkun pruvata mill-persuna li tallegaha, għaliex hi prova negattiva; u l-piż tal-prova kuntrarja jinkombi fuq min jiġi konvenut għall-alimenti (Vol. XXII-II-366; XXIII-II-22; XXIX-II-576). L-indiġenza hi kwalità konnaturali tal-bniedem, u kwindi hi preżunta sa prova in kuntrarju (Vol. XXVIII-I-386). Kif ingħad, il-konvenuta ma ġiebet ebda prova kontra l-indiġenza lamentata mill-attur;

Però, hija donnha tipprova timputa lill-attur li l-indiġenza tiegħu ġiebha b'idejh, billi meta kien għadu jaħdem dak li jaqla' kien jilgħabu kollu. Imma, apparti li mill-istess xhieda tagħha jirriżulta li l-attur, meta kien jaħdem, lill-konvenuta, li allura kienet toqgħod miegħu kien jagħtiha mill-paga £3 fil-ġimgħa għall-għajxien tiegħu u

tagħha, u kien iħallas il-kera tad-dar u l-kont tad-dawl u tal-ilma tal-istess dar, il-Qorti ma għandiex tindaga jekk l-attur waqgħax fil-bżonn ħtija tiegħu (Vol. XIX-I-139);

Illi jirriżulta li l-konvenuta, li hi t-tifla tal-attur, u hi xebba, għandha 26 sena. Hija tirrikonoxxi li taqla' attwalment mix-xogħol tagħha ta' ħajjata £1.10.0 fix-xahar, u ma taqlgħax iżjed għaliex ma tistgħax taħdem kontinwament, billi qegħdha tgħin lill-oħtha miżżewġa, u anki biex ma tkunx tista' tiġi kostretta li tagħti lill-attur aktar minn 6s. fix-xahar, kif attwalment hi tgħid li qegħdha tagħtieh. L-attur jgħid li l-konvenuta qegħdha tagħtieh 5s. kull sebgħa ġimgħat. Ġie pruvat li l-konvenuta kellha l-opportunità li timpjega ruħha bħala ħajjata b'salarju ta' £4 fil-ġimgħa, imma hija rrifjutat dan l-impjeg appuntu, kif ingħad, biex ma tiġix kostretta tgħin aktar liberalment lill-attur missierha. Il-konvenuta, għalhekk, ma jistgħax jingħad li hi diżokkupata, jew li ma tistgħax issib ix-xogħol, għaliex taħdem, u tista' mix-xogħol tagħha, jekk trid, taqla' ferm iżjed minn dak li attwalment qegħdha tipperċepixxi;

Però, anki kieku ma kienetx taħdem, din iċ-ċirkustanza ma kienetx tagħmel differenza sakemm hija mhix inkapaċi għax-xogħol; għaliex għar-rigward tad-diżokkupazzjoni attwali ta' min hu tenut għall-alimenti hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li l-profitti kontemplati fl-art. 27 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex biss dawk ta' professjoni, arti jew mestjer attwalment eżerċitati mid-debitur, imma dawk ukoll ta' professjoni, arti jew mestjer, li huwa jista' jeżerċita (Vol. XXVII-II-290). Hu wkoll prinċipju universalment aċċettat, għaliex hu dover li timponi mhux biss il-liġi imma anki l-istess natura, li bejn il-missier u t-tifel tiegħu bħal ma bejn l-omm u t-tfal tagħha, it-tfal għandhom jagħmlu kwalunkwe sakrifiċċju biex ma jħallux lill-ġenituri tagħhom fil-bżonn (Vol. XXIX-II-53);

Illi b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, u fil-kondizzjonijiet tal-lum, jidher li l-konvenuta hi f'pożizzjoni li tħallas lill-attur il-pensjoni infraskritta:

Għal dawn ir-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenuta;

Tiddeċidi billi tilqa' d-domanda, u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur il-pensjoni alimentarja ta' 3s.6d. fil-ġimgħa, li tibda tgħaddi favur l-attur mil-lum stess, u tkun pagabbli settimanalment u in antiċipat fid-domiċilju tal-attur. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.